MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 370/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**Patrick Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 164478 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

1. F'dawn il-Gżejjer, fil-22 ta' Awissu 2010 f'xi ħin bejn nofs il-lejl u l-ħamsa ta' filghodu gewwa l-Qawra San Pawl il-Bahar inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 419 A. Buttigieg waqt li kien jaghmel jew minhabbali kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra cioe PS 419 A. Buttigieg u cioe persuna inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur ta' Artikolu 96 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxenn jew indecenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' Artikolu 338(bb) u 342 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PS 419 A. Buttigieg jew ma hallix jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

5. Fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

6. Fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi Diane Zellner nee Ellul hekk kif kienet iċċertifikata minn Dr. Bjorn Buhagiar MD Reg no 3020 ta' Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1) ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-kontroll intern tad-drogi

perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-Presidenti ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju, 2012, li biha, wara li rat l-aritkoli 17, 31, 49, 50, 95, 96, 338(bb), 342, 338(ee), 338(dd) u 221 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 6 u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-

appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfronti tiegħu salv li inkwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata numru 6 huwa instab ħati li kkawża ġrieħi ta' natura hafifa u mhux ta' natura gravi u in kwantu jirrigwarda s-seba` imputazzjoni tqies li t-traffikar kien "trafficking by sharing" u kkundannatu tmien (8) xhur priġunerija u multa ta' ħames mitt Ewro (€500).

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa żmien xahar (1) minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub iħallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' ħames mija u tliet Ewro u seba` u tmenin ċenteżmu (€503.87), liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti inoltre ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru 2010 u mmarkata bħala Dok. Z1 liema distruzzjoni għandha ssir taħt is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fid-19 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tvarjaha fejn sabet lill-imputat ħati tas-**sitt imputazzjoni** u minnha tilliberah, tikkonfermaha in kwantu fejn sabitu ħati ta' l-akkużi l-oħra addebitati kontra tiegħu u tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti għal dak li jikkonċerna s-sitt akkuża.

Illi mill-assjem tal-provi jirriżulta kjarament li l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jweġġa' jew li jagħmel xi feriti fuq Diana Zelner.

Illi in effetti jirrizulta li huwa sabbat fuq il-mejda u b'hekk issuċċeda l-inċident.

Illi b'hekk jidher li l-incident kien wiehed involontarju u għalhekk messu ġie liberat mis-sitt akkuza.

Illi għal dak li jikkonċerna piena jidher li din kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi u dan kif se jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' dan l-appell.

L-aggravju dwar is-sitt imputazzjoni

Dan l-appell huwa limitat għas-sitt imputazzjoni . L-appellant qed jissottometti li huwa ma kellu ebda intenzjoni li jweġġa' jew jagħmel xi feriti fuq Diana Zelner.

Il-Qorti qrat il-proċess kollu biex tkun tista' tikkonsidra sew dan l-aggravju.

A fol 41, mix-xhieda ta' Emanuel Psaila, jirriżulta hekk:

''Kien hemm mara. Qalibha minn fuq is-siġġu għal mal-art. Weġġgħet rasha fuq in-naħa ta' wara. (fol 41)

U aktar 'l isfel fl-istess paġina:

'Għax hu mbuttaha u qalibha mal-art bis-siġġu b'kollox.'

U meta xehdet Daine Zellner, din stqarret hekk bil-ġurament:

'Kif ħriġt barra, wara ftit ħareġ,għolla l-mejda u lili minn fuq is-siġġu b'kollox, ħbatt rasi mal-ħajt kelli nuċċali fuq rasi nkiser ukoll. Beda nieżel ħafna demm……

Omissis

Kelli nagħmel erbgħa u għoxrin siegħa l-isptar. Għamluli d-dripp. Ħaduli d-demm ukoll.'

Minn dak li qalu ż-żewġ xhieda din il-Qorti qed tikkonkludi li l-appellant kellu l-intenzjoni li jweġġa' lil Diane Zellner.

L-aggressjoni li wera m'għandha x'taqsam xejn ma' xi imbottatura ħafifa iżda turi bl-aktar mod ċar li l-appellant ried li tgħaddi tiegħu f'kollox għax iħossu superjori fuq kulħadd. La jistma lill-Pulizija u lanqas lil klijenti f'bar li jkunu daħlu biex jixtru xi xorb. Għalih ma jista' ħadd u jrid jagħmel li jrid u jhedded lil kull min jieqaflu jew ma jaqbilx miegħu. Huwa ma kellux għalfejn jindaħal u kellu d-dmir li jħalli klijenti oħra tal-ħanut bi kwiethom.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju.

**Il-Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti tinnota li l-Qorti tal-Maġistrati altru li kienet attenta waqt li kienet qed tikkalibra l-piena.

Filfatt qalet hekk:

'l-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfronti tiegħu salv li inkwantu jirrigwards l-imputazzjoni immarkata numru 6 huwa qed jinsab ħati li kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa u mhux ta' natura gravi u in kwantu jirrigwarda s-seba' imputazzjoni qed jitqies li t-traffikar kien 'trafficking by sharing' u tikkundannah tmien xhur priġunerija u multa ta' ħames mitt Ewro.'

L-Ewwel Qorti qieset dak kollu li seta' jmur favur l-appellant. Jekk it-tobba ċċertifikaw li l-ġrieħi kienu ħfief, ma sabitx lill-appellant ħati ta' ġrieħi gravi kif kien dedott fl-imputazzjoni. U dwar is-seba' imputazzjoni, il-Qorti kkonċediet ukoll li dan kien każ ta' trafficking by sharing.

Dwar l-imputazzjonijiet l-oħra dedotti kontra l-appellant wieħed ma jsitax jinjora l-mod kif sar it-theddid lill-Pulizija saħansitra bl-użu fiżiku ta' flixkun tla-birra. Dan it-theddid bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala wieħed kontravenzjonali. Għalhekk japplika l-artikolu 252 miżjud bi grad. Wieħed irid iqis ukoll li dan it-theddid sar fuq żewġ pulizija.

Jekk wieħed iżid ma' dawn il-ferita ħafifa li saret fuq Daine Zellner kif ukoll li l-appellant huwa reċidiv, jirriżulta li l-piena mogħija kienet fil-parametri tal-Liġi.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tiċħad iż-żewġ aggravji tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-11 ta' Lulju 2012 fl-intier tagħha inkluż il-ħlas li għandu jsir għall-ispejjeż dwar l-esperti maħturin mill-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------